# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 32/2018 JVC**

**Emiliya Valcheva Gatt**

**vs**

**Clinton Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Emiliya Valcheva Gatt ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti u l-intimat huma mizzewgin kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieh taghhom hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**;

2. Illi d-dar matrimonjali tal-partijiet hija l-fond 1, Kernice, Flat 4, Triq Leonard Mahoney ix-Xghajra Malta, proprjeta' tal-intimat li nxtrat qabel iz-zwieg;

3. Illi wara episodju ta' vjolenza domestika kommessa da parti tal-intimat, ir-rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex tawtorizzaha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri binthom Kathy Gatt b'dan li l-istess rikorrenti jkollha access ghall-istess dar u ghall-affarijiet personali taghha u tal-minuri li jinsabu go din id-dar (ara **Dok. B** hawn anness). Tali talba giet milqugha permezz ta' digriet datat il-21 ta' Frar 2017 (ara **Dok. C** hawn anness). Naturalment wara tali digriet, ir-rikorrenti allontanat ruhha mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri;

4. Illi fl-ebda hin ma l-intimat gie awtorizzat ibiddel is-serratura tad-dar matrimonjali;

5. Illi nhar l-1 ta' Dicembru 2017 ir-rikorrenti, flimkien ma' habiba taghha (ghal finijiet ta' protezzjoni u xhieda minhabba l-vjolenza kommessa fil-konfront taghha) marret fil-fond matrimonjali (b'dan li infurmat lill-istess intimat b'dan minn qabel ara **Dok. D** hawn anness) b'dan li sabet is-serratura mibdula. Naturalment ir-rikorrenti ma setghetx taccedi ghall-istess dar matrimonjali u dwar dan intavolat rapport mal-Pulizija (ara **Dok. E** hawn anness);

5. Illi tali agir da parti tal-intimat jikkostitwixxi atti vjolenti, klandestin u illegali fil-konfront tal-istess rikorrenti u ghalhekk l-intimat ikkommetta spoll fil-konfront tar-rikorrenti illi sal-lum ghadha m'ghandhiex access ghad-dar matrimonjali u l-effetti personali taghha u tal-minuri;

6. Illi l-fatti kollha hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

7. Illi din il-kawza qed issir sabiex l-intimat jigi dikjarat illi kkommetta spoll fil-konfront tar-rikorrenti, u sabiex l-istess intimat jigi ordnat jaghti access u kopja relattiva tac-cwievet godda tad-dar matrimonjali;

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara, li l-intimat ikkommetta spoll fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju kif stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex l-istess rikorrenti tinghata access ghad-dar matrimonjali u tinghata kopja relattiva tac-cwievet godda tal-istess dar matrimonjali u b'hekk jippristina lir-rikorrenti d-dritt taghha ghall-proprjeta' imsemmija u cioe' d-dar matrimonjali, u dan taht is-sorveljanza ta' Periti nominandi jekk ikun il-kaz jew jinhass il-bzonn;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas, tesegwixxi hi direttament tali xogholijiet, taht is-sorveljanza ta' periti nominandi, u / jew tal-Pulizija skond il-kaz u dan a spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Clinton Gatt li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi l-intimat ma kkommetta ebda spoll u ghalhekk l-azzjoni attrici ma timmerita ebda akkoljiment.

2. Illi kienet ir-rikorrenti nnifisha li rrinunzjat ghall-pussess tal-fond mertu tal-kawza, u ghalhekk ma jissussistux l-elementi kostituttivi tal-ispoll.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti'.

Rat l-affidavits, xiehda, certifikat taz-zwieg, rikorsi, risposti, digrieti, okkorrenza, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Marzu, 2018 Dr Abigail Critien ghar-rikorrenti talbet li l-proceduri jitmexxew bil-lingwa Ingliza, rat l-oppozizzjoni da parte ta' Dr Albert Zerafa ghall-intimat u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti seduta stante li permezz tieghu cahdet it-talba ghalkemm awtorizzat lir-rikorrenti taghti x-xiehda taghha bil-lingwa Ingliza;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Settembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi l-attrici Emiliya Valcheva Gatt ma pprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet u rat li l-konvenut ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet li tinsab a fol. 90 *et seq* tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici Emiliya Valcheva Gatt tippremetti li hija u l-intimat Clinton Gatt huma mizzewgin u bhala dar matrimonjali ghandhom il-fond 1, Kernice, Flat 4, Triq Leonardo Mahoney, Xghajra (ara certifikat taz-zwieg a fol. 5 tal-process). Issostni li minhabba episodju ta' vjolenza domestika kommess mill-intimat Clinton Gatt hija kellha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali flimkien mal-bint komuni Kathy Gatt. Ir-rikorrenti tghid li dan ghamlitu wara li giet awtorizzata taghmel hekk mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar, 2017 (ara digriet a fol. 11 tal-process). L-attrici tkompli ssostni li nhar l-1 ta' Dicembru, 2017 hi flimkien mal-habiba taghha marret sabiex taccedi fid-dar matrimonjali madanakollu sabet is-serratura mibdula bil-konsegwenza li ma setghetx taccedi. L-attrici talbet ghalhekk li l-intimat jigi kkundannat sabiex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex terga' tinghata l-access ghad-dar matrimonjali u tinghata kopja relattiva tac-cwievet godda tal-istess dar matrimonjali b'dan li d-dritt taghha jerga jigi ripristinat. Fin-nuqqas talbet li tigi awtorizzata sabiex tesegwixxi hi direttament tali xoghlijiet taht is-sorveljanza ta' periti nominandi jew tal-Pulizija.

Illi da parti tieghu l-intimat Clinton Gatt principalment cahad li kkommetta spoll vjolenti u klandestin. L-intimat eccepixxa wkoll li kienet ir-rikorrenti nnifisha li rrinunzjat ghall-pussess tal-fond mertu tal-kawza u ghalhekk ma jissussistux l-elementi kostituttivi tal-ispoll.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikolu 535 u l-Artikolu 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'

Illi l-awtur **Emidio Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diretto Civili - Volume III, Firenze 1873** iddefinixxa l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin bhala:

> 'Essa ha il suo fondamento nella utilità sociale, e tende ad assicurare l'ordine pubblico ed impedire che all'azione della legge e del giudice si surroghi l'azione individuale e la privata violenza.'

Illi nghad ukoll dwar l-actio spolii mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April, 1958 illi:

> 'In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;
>
> L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);.....'.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

i. **Actor docere debet possedisse** – pussess;

ii. **Spoliatum fuisse** – azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

iii. **Infra bimestre deduxisse** – azzjoni ghandha ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin ma tirnexxix. Hekk di fatti nghad mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 1958 illi:

> 'Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.'

Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll vjolenti u klandestin applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.

**<u>Actor docere debet possedisse:</u>**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut Clinton Gatt eccepixxa n-nuqqas ta' pussess tar-rikorrenti stante li kienet hi stess li rrinunzjat ghall-pussess tal-fond.

Il-konvenut sabiex isahhah l-argument tieghu dwar ir-rinunzja tal-pussess, fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 62 *et seq* tal-process xehed illi kienet l-attrici nfisha li

waqt seduta partikolari qalet li kienet lesta li tirritorna c-cavetta tal-fond. Hekk xehed illi:

> 'Ftit tax-xhur wara li gara dan, waqt seduta li kellna quddiem il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Miriam Hayman, precizament fit-28 ta' April, 2017, waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda marti b'mod liberu sahqet u stqarret bil-gurament illi hi kienet lesta li tirritorna c-cavetta lura u li taghmel dan minghajr l-ebda problema ta' xejn. Hija fil-fatt qalet is-segwenti:
>
> "*Dr. Lattughi: Do you have access to the matrimonial home.*
> *Witness: I have the key but I do not go there. I have not any idea what is going on there.*
> *Dr. Lattughi: When was the last time that you went in the matrimonial home?*
> *Witness: When I took my things.*
> *Dr. Lattughi: When please?*
> *Witness: One month or two months ago. I did not go back for no reason there.*
> *Dr. Lattughi: But do you still have the key?*
> *Witness:* ***Yes and I can return it back, there is no problem about it.***"
>
> Iktar 'il quddiem Emiliya Valcheva Gatt tghid ukoll li ma ghandha l-ebda raguni ghalfejn tmur fid-dar matrimonjali – "***I did not go there and I have not got any reason why I should.***"'

Il-konvenut jipprezenta wkoll kopja shiha tad-deposizzjoni moghtija mill-attrici Emiliya Valcheva Gatt fis-seduta tat-28 ta' April, 2017 fl-atti bic-citazzjoni numru 69/2017/1 fl-ismijiet

Emiliya Valcheva Gatt -vs- Clinton Gatt (ara kopja tad-deposizzjoni a fol. 65 *et seq* tal-process). Imbaghad meta xehed in subizzjoni fis-seduta tat-12 ta' April, 2018 a fol. 48 *et seq* tal-process qal illi:

> '***Ix-Xhud:***
> Fi Frar telqet mid-dar b'xi mandat quddiem l-Imhallef Hayman. Sa dak inhar stess speci giet qalet li ser titlaq mid-dar ghax ma tistax tghix – qalet bi vjolenza. Fil-fatt fuq il-provokazzjoni li kien ikolli jien f'Settembru kelli nitlaq mid-dar'

Illi min-naha tal-attrici Emiliya Valcheva Gatt li xehdet bil-procedura tal-affidavit a fol. 26 *et seq* tal-process fir-rigward il-pussess taghha tal-fond stqarret illi:

> 'This written sworn statement is being done and filed as I would like to inform this Honourable Court of the incident that took place on the 1st day of December 2017 when I tried to enter the matrimonial home, that is, Kernice Fl4, Triq Leonard Mahoney, Ix-Xghajra. This is the place where I used to live with my husband Clinton Gatt but was authorised to leave due to domestic violence (see **Dok. B** and **Dok. C** attached to my sworn application).
>
> ...
>
> It is important to note as well that I never consented him to change the locks and despite him saying that I left the matrimonial home, the truth is that I was authorised to leave and this was done in order to protect myself whilst at the

> same time I wanted to safeguard my rights during the separation process.'

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa minnu li l-attrici waqt id-deposizzjoni taghha moghtija fis-seduta tat-28 ta' April, 2017 fil-kawza bic-citazzjoni numru 69/2017/1 stqarret li lesta li tirritorna c-cavetta tal-fond lura. Madanakollu l-fatt jibqa' li l-attrici ma rritornatx ic-cavetta u ghalhekk effettivament kienet ghadha fil-pussess tal-fond 1, Kernice, Flat 4, Triq Leonardo Mahoney, Xghajra. Tant l-attrici ma rrinunzjatx ghall-pussess li tinsisti li kien ghad baqalha l-oggetti taghha fil-fond konsistenti mhux biss fi hwejjeg personali pero' f'nofs il-mobbli kollha stante li allegatament dawn inxtraw fiz-zwieg. Il-Qorti tikkwota mid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Vassallo Gatt noe -vs- Joseph Camilleri pro et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-26 ta' Jannar, 1996 fejn inghad fuq l-element tal-pussess illi:

> 'Biex din l-azzjoni tkun esperita b'success l-attur irid jipprova biss li **fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat**. Mhux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu.
>
> Hu l-fatt fiziku tal-pussess li hu rilevanti ghall-materja ta' spoll galadarba jkun eskluz li l-persuna spoljata tkun qed tiddettjeni l-fond b'mera tolleranza.' (enfazi tal-Qorti)

Dan premess, l-azzjoni odjerna ma tinsistix fuq il-pussess legali izda hija sodisfatta anke bid-detenzjoni tal-haga. Jekk qatt ghandu jigi argumentat li l-attrici rrinunzjat li tghix fil-fond in kwistjoni pendenti s-separazzjoni hija fl-ebda hin ma rrinunzjat ghall-pussess tal-istess fond u l-oggetti kontenuti fih u sakemm kellha c-

cavetta tal-fond setghet liberament tidhol u tohrog meta trid u tezercita l-pussess taghha fuq il-fond u l-oggetti kontenuti fih. Kien biss bit-tibdil tas-serratura li l-konvenut nezza' lill-attrici milli tezercita l-pusess taghha. Fid-dawl ta' dak suespost l-Qorti tqis li l-element tal-pusess gie sufficjentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Spoliatum Fuisse:</u>**

Illi dwar l-element ta' l-i*spoliatum fuisse* gie ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diritto Civili** (Volume III (Firenze 1873)) illi bi vjolenza tikkostitwixxi:

> '*…qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato*.'

Inghad ukoll dwar l-element tal-ispoliatum fuisse fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Scerri vs. Spiridione Falzon** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Jannar, 1958 illi:

> 'Spoll vjolent huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' ta' l-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anke meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.'

Illi l-att spoljattiv gie ammess mill-konvenut Clinton Gatt fis-seduta tat-12 ta' April, 2018 a fol. 48 *et seq* tal-process meta xehed in subizzjoni u qal is-segwenti:

*'Dr Abigail Critien :*
Biex taccedi ghad-dar fejn kontu tghixu inti u l-mara tieghek qabel dak id-digriet kif kienet tidhol god-dar?

*Ix-Xhud :*
Mhux bic-cavetta?

*Dr Abigail Critien :*
Bic-cavetta. Kemm-il cavetta?

*Ix-Xhud :*
Wahda tal-komun u wahda tal-bieb ta' barra.

*Dr Abigail Critien :*
Mela wahda tal-bieb ta' barra t' isfel biex niftehmu u l-ohra li taghti access ghad-dar ta' gewwa – d-dar taghkom. Issa minn mindu telqet Emiliya minn go din id-dar u allura hi marret tirrisjedi x'imkien iehor bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, Emiliya qed tghidilna illi provat tmur taccedi ghall-istess dar, permezz ta' l-affidavit taghha, u ma setghetx tidhol, x ghandek xi tghid inti? Uzat cavetta minnhom ghal tal-komun minghajr problemi, skont l-affidavit taghha, imbaghad ic-cavetta biex tidhol ghad-dar li kienet id-dar matrimonjali diga' hemm verbal f' dan is-sens ma setghetx tidhol, x'ghandek xi tghid?

*Ix-Xhud :*
Hi quddiem l-Imhallef Hayman offrietli ..

*Dr Abigail Critien :*
Le le, ma staqsejtekx fuq l-Imhallef Hayman.

***Il-Qorti :***
Isma' l-mistoqsija u wiegeb.

***Ix-Xhud :***
Is-serratura inbidlet; u jien biddilta

***Il-Qorti :***
Int biddilta s-serratura.

***Dr Abigail Critien :***
Tista' tghid lill-Qorti meta bdilt is-serratura?

***Ix-Xhud :***
Xi xahar wara dik ta' Hayman.

…

***Dr Abigail Critien :***
Kopja ta' din ic-cavetta l-gdida li inti biddilt ghal li jista' ikun tajtha lil Emiliya?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Abigail Critien :***
Kien hemm xi raguni ghaliex ma tajthiex kopja?

***Ix-Xhud :***
M'hemmx raguni.'

Illi l-Qorti rinfaccjata b'din l-ammissjoni da parti tal-konvenut Clinton Gatt bla ebda dubju tinsab konvinta li dan l-element gie sufficjentament ippruvat.

**Infra bimestre deduxisse:**

Illi dan it-tielet element jikkonsisti filli l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deciza nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 qalet illi:

> 'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. rova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.

Fil-kaz odjern l-intimat eccepixxa fit-tieni eccezzjoni tieghu li ma jissussistux l-elementi kostituttivi tal-ispoll. L-attrici Emiliya Valcheva Gatt fl-affidavit taghha a fol. 26 *et seq* tal-process tindika d-data ta' l-1 ta' Dicembru, 2017 bhala dik id-data li hija marret fid-dar matrimonjali taghha bin-numru 1, Kernice, Flat 4, Triq Leonard Mahoney, Xghajra flimkien mal-habiba taghha Marija Nina Zikic u sabet is-serratura tal-appartament mibdula. Ix-xhud Marija Nina Zikic ikkonfermat dan fid-deposizzjoni taghha moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 44 *et seq* fejn qalet illi:

'This written sworn statement is being done and filed as I would like to inform the Court and present my self as a witness that on the day 01.12.2017 I was in present with Emiliya Valcheva Gatt when she tried to enter her matrimonial home in: 1 kernice flt 4, triq L-Mahoney Xghajra where she used to live with her husband but was authorised to leave due to domestic violence.

However we find out that lock on the main apartment door has been changed! This was very clear as Emiliya tried the key several times. Even I tried to open the door but we just couldn't and it was also clear that the keys did not match anymore.'

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha, partikolarment l-affidavit tal-attrici Emiliya Valcheva Gatt (fol. 26 *et seq*) u l-kontro-ezami taghha, fejn filwaqt li fl-affidavit taghha m'ghamlet l-ebda accenn ghall-ahhar darba li accediet fid-dar matrimonjali, mill-kontro-ezami moghti fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2020 jirrizulta li hija kienet ilha diversi xhur ma' taccedi fid-dar matrimonjali. Hekk xehdet in kontro-ezami illi:

'**Dr Valentina Lattughi:** How did you accede, how did you enter into the matrimonial home to take your personal effects?

**The Court:** Did you use a key, did someone open for you?

**The witness:** No, I have the keys.

**Dr Valentina Lattughi:** You had the keys, ok. Am I correct in stating that you never returned to live in the matrimonial home after the decree of the 21st February, 2017?
**The witness:** Yes, I didn't return …

**The Court:** Shout

**The witness:** …because it's dangerous for my health and for my life

**Dr Valentina Lattughi:** I'm asking if you went there?

**The witness:** No.

**The Court:** To live, no.

**Dr Valentina Lattughi:** After the 21st February 2017, ok after the Court's decree, how many times did you try to enter the matrimonial home?

**The witness: One time, when I informed Clinton Gatt that I would like to go and see that everything remains there, half of the things are mine in there** and I believe they still should be there but I didn't had the chance and didn't have the reply from his end, from his side and I also asked him to come and witness if he wish to but no reply. I was shocked and surprised to find this situation.' (enfazi tal-Qorti)

Illi l-attrici fl-ebda att ma ndikat id-data tal-allegat spoll. Pjuttost in kontro-ezami tixhed li kienet ilha xhur ma taccedi fil-fond mertu tal-kawza. Fil-fatt fir-rapport li hija ghamlet mal-Pulizija a fol. 15 tal-process hija ddikjarat li l-ahhar darba li kienet accediet

fil-fond liberament bic-cavetta taghha kien Novembru 2016 filwaqt li sabet il-fond bic-cavetta mibdula f'Dicembru 2017, aktar minn sena wara.

Illi dwar il-prova tat-terminu ta' xahrejn l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Trevor Arends et -vs- Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 qalet li dan it-terminu ghandu jigi ppruvat mill-attur. Hekk qalet illi:

> '… dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'

Da parti tieghu l-intimat xehed li huwa bidel is-serratura xahar wara li kienu dehru quddiem l-Onorevoli Mhallef Miriam Hayman. Mill-atti jirrizulta li din is-seduta tal-mandat iggib id-data tat-28 ta' April, 2017. Xahar wara din id-data jigi l-ahhar ta' Mejju 2017. L-attrici stitwiet il-kaz odjern f'Jannar 2018 u ghalhekk ben oltre x-xahrejn terminu mposti mil-ligi. Il-Qorti tirrileva li t-terminu ta' xahrejn dekadenza jibda jiddekorri minn meta sehh l-att spoljattiv u mhux minn meta wiehed jinduna bl-att. Ghalhekk din il-kawza ta' spoll ma tistax tirnexxi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut stante li ma jirrizultax sodisfatt mill-attrici

l-element tal-*infra bimestre deduxisse,* tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Frar, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar, 2021**